MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 453/2009

**Maria Assunta Cassar (I.D. Nru. 570250M)**

**Vs**

**Carmelo Cassar (I.D. Nru. 219448M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ sitt elef, hames mija u tmienja u disghin Euro u tlieta u tletin centezmu (€6,598.33) rapprezentanti bilanc dovut mill-konvenut bejn l-ammont ta’ ghaxart elef Euro (€10,000) gia’ mghoddi lill-attrici w in-nofs tas-somma ricevuta mill-istess konvenut minghand id-Dipartiment tat-Tezor bhala pensjoni tal-irtirar, ammontanti ghal tlieta u tletin elf, mija u sitta u disghin Euro u sebgha u sittin centezmu (€33,196.67), skond il-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet fl-Atti tan-Nutar Joseph Abela datat 23 ta’ Settembru

2005. Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data ta’ l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

Rat li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz promotur u bl-avviz tas-smigh hu ma kkontestax it-talba attrici fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem din il-Qorti.

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici fil-konfront tal-konvenut fil-15 ta’ Jannar 2010 ;

Rat in-Nota ta’ Cessjoni pprezentata mill-attrici fil-5 ta’ Frar 2010 permezz ta’ liema cediet il-kawza fl-ismijiet premessi fil-meritu stante hlas, izda zammet ferm dwar il-kap ta’ l-ispejjez ;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz promotur u l-avviz tas-smigh izda naqas milli jikkontesta t-talba attrici entro t-terminu prefiss u naqas ukoll milli jidher ghas-seduti ffissati minn din il-Qorti, u ghaldaqstant baqa’ kontumaci ;

Il-konvenut lanqas ma deher biex jirrispondi ghal-kapitolu pprezentat fil-konfront tieghu mill-attrici ;

Fil-mori tal-proceduri però l-konvenut hallas lill-attrici s-somma mitluba ta’ €6,598.33 tant illi l-istess attrici cediet il-kawza fl-ismijiet premessi fil-meritu, b’dana però li zammet ferm fil-konfront tal-konvenut il-kap ta’ l-ispejjez.

Fil-fehma tal-Qorti t-talba ta’ l-attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas lilha ta’ l-ispejjez minnha inkorsi in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri hija gustifikata ;

Ghaldaqstant fid-dawl tan-Nota ta’ Cessjoni pprezentata mill-attrici fil-5 ta’ Frar 2010, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu tal-kawza fl-ismijiet

premessi, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ispejjez minnha inkorsi in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------